ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 12 IT-TNEJN 15 TA' FRAR 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Ralph Puli (attenda fis-7.15pm), Jesmond Aquilina, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Marvin Zammit.

Is-S.E. informa li l-Kunsillier Antoine Saliba Haig u l-Kunsillier Joseph Aquilina, infurmawh bil-miktub li ma segħux jattendu għas-seduta minħabba li kellhom impenji oħrajn.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u l-Kunsilliera Antoine Saliba Haig u Joseph Aquilina ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**12/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 11**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 11 li nżammet nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni tas-Sindku.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 11 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**12/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2014 GĦALL-AWDITJAR**

Wara l-preżentazzjoni mressqa mill-accountant tal-Kunsill, fejn fis-sena 2015 kien hemm kontroll tajjeb tal-ispiza ħdejn is-snin preċedenti tant li l-Kunsill għat-tieni sena konsekuttiva irnexxielu jħalli surplus, fejn din is-sena zdied bi Eur27,721. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irrimarkat dan il-punt u sostniet li l-Kunsill ħadem bil-għaqal ħafna biex tejjeb is-sitwazzjoni tal-likwidita' tal-Kunsill li għall-ewwel darba wara diversi snin il-Financial Indicator Working Capital qabez l-10%.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** irringrazzjat lill-accountant tax-xogħol tiegħu kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv li b'attenzjoni irnexxielhom itejbu is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill biex il-Kunsill jkun f'pożizzjoni finanzjarja soda u jkun jista' jwettaq proġetti kapitali u ta' manutenzjoni.

**12/02/01 Il-Kunsillier Ralph Puli attenda għas-seduta f'dan l-istadju.**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju għas-sena 2015 sabiex ikun jista' jibda l-awditjar.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni sabiex dan ir-Rapport Finanzjarju jkun jista' jinbagħat lil Awditur Ġenerali u lill-Awditur. DOK B**

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**12/03 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-07:20 ta' filgħaxija.

Rosianne Cutajar<br>Sindku

Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2016.